**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Frans Micallef]**

**vs**

**John Agius**

**Kumpilazzjoni Numru: 317/13**

**Illum, 12 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra John Agius detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 337363M;

(1) Akkuzat talli fid-29 ta' April, 2008 ghal habta tal-11.00a.m. f'Construct Furniture Company Limited, Luqa fil-kapacita' tieghu personali, u/jew ta' direttur tal-istess kumpanija, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegggha Gareth Galdes ta' 16-il sena hekk kif iccertifika Dr. Christa Calleja M.D.

(2) Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanza naqas milli jhares is-sahha u sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-

post tax-xoghol u dan ai termini tal-artikoli 6(1)(2) tal-att 27/2000 Kap 424.

(3) Akkuzat ukoll fil-kapacita' tieghu ta' persuna li thaddem fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha naqas li qabel ma tqabbad jew toffri xi xoghol lil xi zaghzugh u partikulament lil Gareth Galdes, naqas milli jaghmel stima tal-perikli gha-sahha u s-sigurta' kollha li setghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw u li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol u dan ai termini tal-artikolu 3(1) tal-A.L. 91 tal-2000.

(4) Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas li jara li kull zaghzugh li mpjegat mieghu ikun f'kull hin adegwatament protett kontra kull riskju li johrog mill-istima ta' periklu u jizgura li dak iz-zaghzugh ikun f'kull waqt imharreg sew fix-xoghol lilu assenjat u sorveljat minn persuna kompetenti li tkun imharrga f'dik l-attivita' tax-xoghol u dan ai termini tal-artikolu 4(1) tal-A.L. 91 tal-2000.

(5) Akkuzat ukoll talli fl-istess zminjiet, lok u cirkostanzi naqas li jara li qabel ma jimpjega lil xi zaghzugh, jassigura li dak iz-zaghzugh ikun gie ezaminat minn tabib, li jiccertifika li dak iz-zaghzugh huwa b'sahhtu bizzejjed biex iwettaq ix-xoghol li jigi assenjat lilu kif ukoll naqas li jassigura li z-zaghzugh jigi ezaminat mill-gdid medikament mill-anqas darba kull tnax-il xahar u dan ai termini tal-artikolu 7(1) ta' A.L. 91/2000.

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datata tlettax (13) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) fejn huwa jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat taht is-segwenti artikoli tal-Ligi u cioe':

1. Fl-Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
2. Fl-Artikoli 6(1), 6(2) u 38 tal-Att 27/2000 Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta ;

3. Fir-Regolament 3(1), 4(1), 7(1), u 11 tar-Regolamenti tal-2000 dwar il-Protezzjoni ta' Zaghzagh fuq il-Post tax-Xoghol – A.L 91 tal-2000 ;
4. Fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi semghet il-provi kollha inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi din il-kawza titratta fuq incident fuq il-post tax-xoghol ta' guvni Gareth Galdes li wegga' gravi meta kien fuq ix-xoghol tieghu gewwa Construct Furniture nhar id-disa' u ghoxrin (29) ta' April elfejn u tmienja (2008) meta dan kien qieghed jghin lil siehbu sabiex iqandlu ammont ta' hgieg u dawn waqghu fuqu;

Illi din il-Qorti semghet diversi xhieda fosthom it-tabib li nvistat lil Gareth Galdes u cioe' **Dr. Christa Calleja** fejn din irrapportat illi l-vittma kien qed isofri minn sinna mkissra, barxa fix-xoffa, tbengil f'imniehru izda minghajr fratturi, grif fuq sidru u saqajh, u frattura f'siequ tal-lemin u ghalhekk dawn il-griehi kienu kklassifikati bhala ta' natura gravi.

Semghet ukoll lir-rapprezentant tal-OHSA u cioe' **Clinton Cachia** fejn dan mar fuq il-post ezatt wara l-incident sabiex jinvestiga l-incident ta' Gareth Galdes ta' sittax (16)-il sena u fejn minn stharrig tieghu sar jaf li dan kien ilu jahdem mal-Construct Furniture ghal tliet (3) gimghat biss u dan bhala *helper* fil-*finish line.*

Huwa jghid illi mill-investigazzjoni li ghamel irrizultalu li Gareth kien mitlub minn siehbu Alan Calleja; li kien l-*istorekeeper;* sabiex jassistih izomm xi hgieg immejjel waqt li Calleja kien qed jaqla' xi folji li kienu mahzunin fuq il-parti ta' wara tal-mahzen. Dak li gara kien li Galdes kien qed izomm folja u Calleja mejjilha fuqu u f'mument minnhom Calleja mar biex igib aktar ghajnuna u l-folja waqghet fuq Galdes.

Ix-xhud ikompli jghid illi dawn il-folji jiznu tlettax punt hamsa kilos (13.5 kg) kull wahda u huwa jghid li approssimattivament kien hemm sitt (6) jew seba' (7) folji mal-art. (ara Dok. CC1)

Dan jghid ukoll illi huwa mbaghad talab ir-*risk assessment* li dan kellu jiddentifika x'inhuma l-perikli u dan inghata (Dok. CC2). Huwa jghid ukoll is-segwenti:

> ***"Biss meta rajna r-risk assessment indunajna li r-riskji u suppost l-obbligi illi ghandu employer vis-a-vi a young person skont Legal Notice 91/2000 huma wisq generici f'dak ir-rapport. Infatti sussegwentement konna wkoll baghatna ittra lis-Sur Agius fejn ghednielu isma' dan ir-risk assessment mhuwiex adegwat u jrid jerga' jsir".***

Jghid ukoll illi l-ligi titlob illi ***"meta inti ghandek young person inti r-risk assessment irid qabel dan jigi ngaggat halli inti tista' tipprotegih."*** Illi dan pero' jghid illi l-Awtorita' tesigi li dan jigi mibghut lilha wara l-incident u mhux qabel. Huwa jishaq ukoll illi dan il-*manual* huwa importanti ghaliex ikun jistabbilixxi anke xi *training* ghandu jkollu z-zaghzugh u f'dan il-kaz jidher car illi Gareth Galdes ma kellux l-ebda *training* fit-tliet gimghat li kien ilu jahdem mal-Construct.

Semghet ix-xhieda wkoll ta' **<u>Gareth Galdes</u>** fejn dan spjega l-incident kif sar u cioe' li kien qed izomm xi bicciet kbar tal-hgieg u sakemm Alan mar biex igib l-ghajnuna, dawn waqghu fuqu. Huwa jghid li bejn wiehed u iehor kellu erbatax (14)-il folja fuq idejh. Huwa jghid li dakinhar kien liebes biss *safety shoes* izda la kien liebes *safety helmet* u lanqas ingwanti.

Semghet ukoll lil **Alan Calleja** fejn huwa xehed illi huwa jiehu hsieb il-hgieg mal-Construct u dakinhar huwa kellu bzonn jaqla’ hgiega partikolari u beda ghalhekk jaqla’ wahda wahda u jitfaghha fuq Gareth u dan jghid illi meta kien lahaq tefa’ xi sitt (6) folji dan mar igib l-ghajnuna wara li staqsa lil Gareth jekk kienx kollox tajjeb u sakemm mar u gie sab l-incident gara.

Semghet ukoll ix-xhieda ta’ **Dr. Amanda Poole** ghan-nom tal-Awtorita’ dwar is-Servizzi Finanzjarji (MFSA) fejn din esebiet il-*Memorandun and Articles* tal-kumpanija Construct Furniture Company Limited li turi li l-uniku direttur tal-kumpanija huwa l-imputat John Agius.

Rat id-dokumenti dwar l-impjieg ta’ Gareth Galdes li juru li fid-data tal-incident dan kien jahdem mal-Construct Furniture (Dok. JS1);

Finalment semghet lill-imputat **John Agius** fejn huwa kkonferma li huwa d-direttur tal-kumpanija u fejn huwa qal illi kien qabbad lill-Profs. Joe Agius sabiex ihejjilu r-*risk assessment* u jghid illi halla kollox f’idejh peress illi huwa ma jifhimx f’dawn l-affarijiet tant li ma tantx jaf x’fih. Huwa jghid ukoll illi qabel ma ngagga lil Gareth Galdes talbu l-kondotta u certifikat mediku li huwa tajjeb ghax-xoghol. Huwa qal li qatt ma kien ra lill-ufficjali tal-Awtorita’ dwar is-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-post tax-xoghol fi hdan il-Construct ghalkemm dan kien ikun hemm drabi li hadem mal-haddiema tieghu.

## ATTIVITA’ DIRETTA

Din il-Qorti hija ferm sorpriza bis-sottomissjonijiet tad-difiza fejn inghad illi fl-ewwel lok l-imputat qatt ma messu gie citat f’dawn il-proceduri stante illi huwa qatt ma kellu attivita’ diretta fil-kumpanija u ghal dan il-ghan ikkwota sentenza

moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bl-ismijiet **Pulizija vs Robert Sant et** deciza parzjalment fl-10 ta' Dicembru 2014 per Magistrat Dr. Doreen Clarke.

Bir-rispett kollu l-fatti kontenuti f'dik il-kawza ma jirrispekkjawx lil din il-kawza ghaliex f'dak il-kaz uhud mill-persuni mressqa kienu diretturi non ezekuttivi (*non executive directors)* u mhux bhal dan il-kaz. Illi di piu' ma ngabitx il-prova mid-difiza li kellu l-oneru fuqha li tipprova l-asserzjoni maghmula minnha.

Illi di piu', skont il-Kapitolu 424 li huwa l-Att relevanti ghal dawn il-proceduri, l-Artikolu 2 li hija d-dispozizzjoni interpretattiva tal-istess Att tiddefinixxi *'minn ihaddem'* bhala *'il-persuna li ghaliha jsir ix-xoghol jew jigi moghti s-servizz minn haddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xoghol ma' haddiem u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jaghmel xogħol jew jaghti servizz jew jintrabat li jaghmel xi xoghol jew jaghti xi servizz'.* Din id-dispozizzjoni tkompli biex tispjega d-distinzjoni ai fini ta' responsabbilta' guridika ta' fejn ikollok xoghol b'kuntrattur jew subkuntrattur li tezonera r-responsabbilta' kriminali fil-konfront ta' diretturi u managers fost ohrajn f'kazijiet specifici filwaqt li meta jitratta organizazzjonijiet kollha ohra inkluz dawk volontarji, diretturi u managers fost karigi ohra jitqiesu responsabbli kriminalment u jinkludi *'kull wahda mill-persuni li tidderigi fuq kullhadd jew li tiehu hsieb it-treggija ta' kuljum*'.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet **Pulizija vs Joseph Azzopardi** (QA deciza 28/2/18) intqal:

> "***Illi stabbiliti dawn il-fatti probatorji, allura kienet errata l-Ewwel Qorti meta stqarret illi ma kienx hemm prova fl-atti dwar in-ness bejn s-socjeta' Valhmor Borg u l-appellat Joseph Azzopardi u fejn***

***allura tidhol ir-responsabbilta' vikarja tieghu fit-termini tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 2 u 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti definizzjoni tal-persuna 'min ihaddem'.***

Illi f'dawn il-proceduri naraw illi l-imputat huwa l-uniku direttur tal-kumpanija Construct Furniture Limited fejn hareg ukoll illi huwa ghandu poteri ezekuttivi tant li kien hu li kkommissjona r-*risk assessment* fost l-ohrajn u huwa l-persuna responsabbli mis-sahha u s-sigurta' tal-haddiema tieghu tant li fi kliemu:

***"L-approach fuq is-sahha u fuq ix-xoghol huwa l-ewwel u qabel kollox. Ahna ma nixtiequ qatt li jweggghulna, dawn l-affarijiet. . . . . . . ghax dana jiena l-ewwel wiehed nahdem maghhom ukoll meta jkun hemm bzonn, u rrid is-safety ghalija u ghal kulhadd. L-istess haga lil kulhadd."***

Illi ghalhekk ma hemmx dubju li l-imputat kellu rwol attiv fil-kumpanija u s-sottomissjonijiet tad-difiza fuq dan il-konfront qeghdin jigu skartati.

**RESPONSABBILITA' TAL-INCIDENT**

Illi f'dawn il-proceduri rrizulta illi Gareth Galdes; impjegat zaghzugh ta' sittax (16)-il sena; wegga' gravi meta siehbu kien qed inewwillu xi folji tal-hgieg bil-konsegwenza li dawn waqghu fuqu u gie kkagunat lilu feriti ta' natura gravi hekk kif gie deskritt aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi f'dawn it-tip ta' kawzi huwa vitali u importanti li min ihaddem ikollu *risk assessment* adegwat ghall-haddiema tieghu li jkun jiddentifika dawk li jissejjhu *critical points* li jridu jigu ndirizzati f'dan id-dokument. Ghal dan il-ghan hafna

drabi jitqabbdu professjonisti fil-qasam sabiex jghinuhom f'dan ix-xoghol. Illi f'dan il-kaz l-imputat John Agius qabbad lil Profs. Ing. Joe Agius sabiex ihejjijlu dan id-dokument li gie pprezentat f'dawn l-atti u li gie kkwotat aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Dan huwa obbligu legali li johrog mir-regolament 10 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 424.18 jistipula illi:

> *"Ghandu jkun id-dmir ta' kull min ihaddem u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha li taghmel, jew li tizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurtà kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema u ta' persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà ta' persuni ohrajn, inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew inkonnessjoni mieghu, jew mit-*tmexxija tal-impriza."

Is-subinciz 3 ta' dan ir-regolament imbaghad jipprovdi illi:

> *"Min ihaddem u persuna li tahdem ghal rasha ghandhom jiddeciedu dwar il-mizuri protettivi xierqa ghan-natura tax-xoghol imwettaq li jehtieg li jittiehdu wara evalwazzjonijiet bhal dawn u, jekk ikun necessarju, dwar it-taghmir protettiv li ghandu jintuza."*

Illi dwar il-grad u l-prova tar-responsabbilita' l-artikolu 13 tal-Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> "Meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f'xi att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-ghemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-ghemil tar-reat."

Mela dan l-artikolu jipprovdi test doppju li jrid jigi pruvat sal-grad tal-probabbli mill-persuna imputata sabiex titqies mhux hatja tar-reat kontestat, u cioe`: (1) li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha; u (2) kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet **Pulizija vs James Barbara u Michelle Barbara** deciza 9 ta' Novembru 2017 intqal:

> *"Ir-reat inkwistjoni huwa dak skont ir-regolament 5(3) tal-Avviż Legali 282/2004. Meta xehdet quddiem l-ewwel Qorti, Michelle Barbara qalet li fl-istruttura tal-kumpanija r-raġel taghha huwa l-managing director u hemm hafna dipartimenti fejn kull dipartiment ghandu l-manager tieghu. Qalet li hi wahda mid-diretturi izda li hi "bazikament mara tad-dar u naghti daqqa t'id fl-accounts department". In kontro-ezami mistoqsija jekk qatt gietx involuta dwar sahha u sigurta`, qalet li dawk affarijiet jiehu hsieb ir-ragel biss u taf li hemm min jiehu hsieb dawn it-tip ta' affarijiet. Mistoqsija mbaghad*

> *"dwar dokumentazzjoni", it-twegiba taghha kienet: "Le ma dhaltx fihom dawk." Filwaqt li din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li r-reat inkwistjoni sar minghajr it-taghrif taghha, u cioe` ma kinitx taf li r-rizultati tal-ispezzjonijiet ma kinux qeghdin jigu registrati, il-fatt li ma dahlitx fil-kwistjoni tad-dokumentazzjoni juri li ma ezercitatx id-diligenza necessarja biex timpedixxi l-ghemil tar-reat. Bhala direttrici kellha tidhol fil-kwistjoni ta' dokumentazzjoni u tassigura ruhha li qed issir."*

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizja vs John Magro et** (App. Krim. Nru 149/2008, 11 ta' Dicembru, 2008. Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono) fejn intqal is-segwenti:

> *"Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni bbazata fuq l-artikolu 6 (1) tal-Kap. 424, din hi manifestament pruvata ghaliex irrizulta li ma sarx ir-risk assessment li hija wahda mill-mizuri li jridu jittiehdu minn kull employer biex jizgura li jinzammu l-livelli ta' protezzjoni tas-sahha u sigurta' skont l-art. 6 (1) (2) (a) (b) (c) (d) (e) tal-Kap. 424. Tajjeb li jigi rilevat li skont il-proviso ghas-subartikolu (1) l-obbligi tal-haddiema fil-qasam tas-sahha u sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol ma ghandhomx jeffettwaw il-principju tar-responsabbilta' ta' min ihaddem. Ghalhekk anki jekk jirrizulta - kif indubbjament irrizulta f' dan il-kaz- li Farrugia kien hu stess il-kagun ta' dak li gralu bil-fatt li inkonsultament ipprova jiftah plug meta kien "live", dan xorta ma jezimix lill-appellati mir-responsabbilta' taghhom bhala employers min-nuqqasijiet taghhom skont din il-ligi specjali."*

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo u Omissis** (App. Krim. Nru. 123/2006, 11 ta' Jannar, 2007. Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono) iddikjarat:

> *"Illi l-artikolu 6 tal-Kap. 424 jindika x'mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu evitati danni fizici u psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bbazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni. Fost dawn insibu: - li jigi evitat kull riskju; l-identifikazzjoni ta' perikoli assocjati max-xoghol; l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati; il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati u li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b'dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz."*

Illi l-Qrati Inglizi nvestew il-kwistjoni ta' x'mizuri ta' prekawzjoni jridu jittiehdu taht il-Factories Act (li ghandu xi dispozizzjonijiet simili ghall-Kap.424) li jkunu "reasonably practicable" u gie ritenut li din il-frazi "seems to imply that a computation must be made by the owner, in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there is a gross disproportion between them – the risk being insignificant in relation to the sacrifice – the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is not reasonable practical to provide a safety measure is on the person on whom the duty is imposed." "Walter, Wilson &. Son vs Summerfield" [1956] 1W.L.R.1429. F'**Gibson vs British Insulated Calender's Construction Co. Ltd [1973] S.L.T. 2 (H.L.)** gie ritenut li *"it is now firmly established that the burden of proof to establish that he had*

*taken all reasonable practicable steps rests on the employer to discharge."* (Ara CHARLESWORTH "ON NEGLIGENCE" 6th. edit. pp.1152-1153).

Dik il-Qorti mbaghad kompliet tghid illi:

> *"Fis-sistema penali taghna, il-contributory negligence tat-terz ma tezonerax lill-akkuzat mir-responsabbilta' kriminali sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru".*

Illi ghaldaqstant hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq responsabbilita' kwazi-vikarja ghaliex ir-responsabbilita' kriminali ta' min ikun akkuzat tigi ppruvata jekk dan ma wzax id-diligenza kollha mehtiega minnu skont il-ligi dwar is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u li taghmel xi haga biex forsi tissodisfa biex ir-rekwiziti ta' dawn il-ligijiet ma hijiex bizzejjed sabiex tezimi responsabbilita'. Dawn huma ligijiet rigoruzi li jirrikjedu obbligi rigoruzi fuq min ihaddem biex iwettaq pjenament l-obbligi tieghu naxxenti minn dawn il-ligijiet.

Illi f'dan il-kaz jidher li ma kienx hemm diffikulta' fuq ir-*risk assessment* maghmul minn Profs. Agius hekk kif ikkommissjonat mill-imputat. Il-problema kienet li l-imputat ma hejjiex *risk assessment* iehor fejn dak li jirrigwarda haddiema zghazagh bhal fil-kaz ta' Gareth Galdes li kellu biss sittax-il sena meta sehh l-incident.

Illi l-Artikoli rilevanti ghal dawn l-akkuzi huma l-Artikolu 3 u 4 tal-Avviz Legali 91 tal-2000 li jistipulaw is-segwenti:

> *3.(1) Qabel ma jqabbad jew joffri xi xoghol lil xi zaghzugh, min ihaddem ghandu jaghmel stima tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol li jista' jkun hemm fuq dak il-post tax-xoghol, u dak*

*l-ezami ghandu jigi mtenni kull darba li jkun hemm xi kambjament kbir fil-kondizzjonijiet tax-xoghol.*

*(2) Meta tkun qed issir din l-istima, min ihaddem ghandu jqis, skont il-kaz:*

*(a) it-taghmir u l-firxa tal-post tax-xoghol u tal-post fejn isir ix-xoghol;*

*(b) ix-xorta, livell u zmien kemm wiehed idum espost ghall-agenti fizici, kimici u bijologici;*

*(c) il-forma, ix-xorta, il-varjeta' u l-uzu ta' taghmir tax-xoghol, inkluz kull makkinarju, apparat, ghodda jew oggetti wzati waqt ix-xoghol, u l-mod kif dawn jigu wzati;*

*(d) l-arrangament ta' processi u operazzjonijiet ta' xoghol, u l-mod kif dawn jigu kkombinati flimkien (organizzazjoni tax-xoghol); u*

*(e) il-livell ta' taghrif u taghlim moghti liz-zaghzugh.*

*(3) Meta l-istima turi li jkun hemm riskju ghas-sahha u s-Sigurtà ta' zaghzugh, iz-zaghzugh ghandu jintbaghat biex jigi ezaminat minn tabib, u dak iz-zaghzugh ma ghandu jhallas ebda spejjez:*

*Izda min ihaddem ghandu jinforma lit-tabib, qabel ma jsir l-ezami mediku, tar-rizultati tal-istima dwar ir-riskju:*

*Izda wkoll dawk l-ezamijiet ghandhom jigu mtennija daqstant spiss daqskemm ikunu mehtiega, u skont ix-xorta tar-riskji ghas-sahha u ghas-sigurtà.*

*(4) Min ihaddem ghandu jinforma liz-zaghzugh li jkun ser jinghatalu xi xoghol bir-rizultati ta' kull stima u tal-mizuri kollha li jkunu ttiehdu, jew li jkollhom jittiehdu, ghall-protezzjoni tas-sahha u tas-sigurtà fuq il-post tax-xoghol:*

*Izda meta xoghol ghandu jinghata lil minuri, min ihaddem ghandu wkoll jinforma lill-genituri ta' dak il-minuri bir-rizultati tal-istimi u tal-mizuri kollha li jkunu ttiehdu, jew li jkollhom jittiehdu ghall-protezzjoni tas-sahha u tas-sigurtà fuq il-post tax-xoghol.*

*L-Artikolu 4 tal-istess Avviz Legali jistupula s-segwenti:*

*(1) Min ihaddem ghandu jizgura li kull zaghzugh li jahdem mieghu jew li jkun assenjalu xi xoghol, ikun f'kull hin adegwatament protett kontra kull riskju li jista' jirrizulta mill-istima msemmija fir-regolament ta' qabel dan, u, partikolarment, ghandu jizgura li x-xoghol assenjat lil dak iz-zaghzugh -*

*(a) ma jeccedix il-hila fizika jew psikologika ta' dak iz-zaghzugh; u*

*(b) ma jkunx jesponi lil dak iz-zaghzugh ghal xi wiehed mill-agenti kimici, fizici jew bijologici jew ghal xi wiehed mill-processi elenkati fl-Iskeda, jew ghal xi agent iehor fiziku, kimiku jew bijologiku li jkun tossiku, karcinogeniku, jikkawza hsara genetika li tintiret,*

*jikkawza hsara lil tarbija fil-guf jew li b'kull mod iehor jolqot kronikament is-sahha tal-bniedem; u*

*(c) ma jkunx jinvolvi riskju ta' accidenti li, wiehed ghandu jassumi, ma jkunux jistghu jintgharfu jew jigu evitati minn zghazagh minhabba f'li ma jaghtux attenzjoni bizzejjed ghas-sigurtà jew minhabba fin-nuqqas ta' esperjenza jew taghrif taghhom; u*

*(d) ma jkunx jinvolvi riskju ghas-sahha minn temperature eestremi ta' kesha jew shana, jew minn hsejjes jew vibrazzjonijiet."*

Illi minn ezami ta' dawn l-Artikoli jirrizulta li l-legizlatur ried li min ihaddem zghazagh, ikun hemm sistemi rigoruzi f'posthom anke' qabel ma' dan iz-zaghzugh jigi ngaggat. Ghalhekk ma hux bizzejjed illi min ihaddem semplicement jipprevali minn *risk assessment* generiku u li forsi ma jiffukax partikolarment fuq l-abilita' u l-hila tal-persuni nvoluti. Dan jaghmilha tassattiva lil kull min ikun ser ihaddem zaghzugh u ghal dan il-ghan ghandu jkun hemm process iffukat ghal dak it-tip ta' zaghzugh qabel ma dan jiffirma l-kuntratt tieghu. Obbligi ohra huma ezamijiet medici li ghandu jimponi min ihaddem a spejjez tieghu li din hija suggetta ghall-akkuza hamsa (5) kontra l-imputat izda fejn l-imputat irnexxielu jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti permezz ta' dokument immarkat Dok JA1 u jinsab a fol. 185 tal-process izda huwa ma kellux jipprova li segwa dawn l-ezamijiet medici ghaliex kullma kien ilu jahdem iz-zaghzugh kwistjoni ta' gimghat.

Illi pero' l-imputat ma rnexxielux jipprova li huwa ssodisfa r-rekwiziti tal-Artikolu 3 u 4 tal-Avviz Legali 91/2000 u dan ghaliex huwa ma hejjiex pjan ta' xoghol iffukat fuq iz-zaghzagh u ma rax illi z-zaghzugh ikollu stharrig bizzejjed qabel ma dan beda x-xoghol.

Illi ghalhekk ir-rizultat tal-incident kienet kawza indiretta ta' dan in-nuqqas tal-imputat fejn kieku hejja dan il-pjan u fejn kieku baghat lil dan iz-zaghzugh ghal stharrig skont in-natura tax-xoghol tieghu, dan l-incident certament ma kienx isehh. Dan ir-*risk assessment* huwa importanti mhux biss ghas-salvagwardja taz-zaghzugh per se izda sabiex il-kollegi tieghu jistghu jkunu mgharrfin kif jagixxu u jahdmu mieghu.

Illi finalment is-sentenza hawn fuq citata ta' **<u>Pulizija vs Angelus Bartolo</u>** l-Qorti tal-Appell meta kienet qed tikkwota minn sentenza Ingliza enuncjat perfettament x'inhuma l-obbligi ta' min ihaddem u tghid:

> *"F'"Barry v Cleveland Bridge & Enginneering Co." ([1963]1 All E.R. 192) gie ukoll ritenut li "the word "use" is not confined to the use authorised by the factory owners, hence where their servant misused certain lifting tackle which he knew had not been provided for that purpose and injured the plaintiff the owners were liable." u "If a lifting machine is loaded beyond the safe working load and an accident is caused, the fact that the operator was wrong in his estimate of the load, will not, of itself, prevent him from recovering damages." ("Gallagher v. Dorman Long & Co. Ltd "[1947] 2 All E. R. 38) Fid-dawl ta' dawn il-principji ta' dritt li gew enuncjati verament f'sede civili pero' fir-rigward ta' obligazzjonijiet li johorgu minn dispozizzjonijiet li wkoll ghandhom sanzjoni penali fil-ligi Ingliza, din il-Qorti tara li l-appellant ma jistax jahrab mir-responsabbilta' tieghu li ma ppreveniex l-incident billi ma hax l-prekawzjonijiet adegwati li kellu jiehu fic-cirkostanzi u di piu' qabbad lill-impjegat tieghu li jghabbi l-crane – bi prova jew mhux - qabel ma dan gie certifikat."*

Dan il-kaz ghalhekk jinkwadra perfettament mal-kaz inkwistjoni ghaliex bin-nuqqas tieghu li jhares ir-regolamenti tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol kif ukoll l-Avviz Legali inkwistjoni, l-imputat seta' jevita dan l-incident. Illi l-imputat ma jistax igib bhala difiza li ma kienx jaf li dawn ir-regolamenti jezistu ghaliex *ignorance of the law is no excuse* tant illi huwa stess kien aderixxa ruhu mal-htiega li jkollu certifikat mediku li z-zaghzugh kien tajjeb biex jaghmel dak ix-xoghol.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 226 (1)(b) tal-Kapitolu 9, Artikoli 6(1), 6(2) u 38 tal-Att 27/2000 Kapitolu 424, Regolament 3(1), 4(1), 7(1) u 11 – A.L. 91/2000, u Artikolu 38(2) tal-Kapitolu 424 din il-Qorti qed issib lill-imputat **John Agius** hati tal-akkuzi kollha hlief l-akkuza numru hamsa (5) stante li kien hemm prova kuntrarja u fejn qed jigi liberat minnha, u tikkundannah ghall-multa ta' erbat elef ewro (€4,000).

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**